MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Numru. 31/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**

**V**

**JOSEPH GRIMA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH GRIMA** ta' tmienja w tletin sena bin Angelo u Katrina nee Ciantar, imwieled l-Awstralja nhar l-hamsa ta' Ottubru 1965 u residenti 'Leyland', Triq Benghazi, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur ta' karta tal-identita numru 21734A, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fl-erbgha ta’ Settembru 2003, ghal habta tas-sitta ta’ filghaxija fix-Xewkija, Ghawdex, kiser l-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u glied;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi voluntarjament hassrar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta’ Angelo Cini liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri maltin;

3. Talli fl-istess data, lok u hin ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Angelo Cini kif iccertifika Doctor Frank Farrugia ;

4. Talli fl-istess data, hin, u lok saq vettura Mitsubishi silver L200 b’manjiera perikoluza;

5. Talli sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Settembru 2002, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra.
Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tapplika l-artikolu 383 u 384 tal-Kodici Kriminali.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom, l-artikoli mibghutha mill-Avukat Generali nhar d-dsatax ta’ April 2005 [fol 106] sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-erbatax ta’ Lulju 2005 [fol 109].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern mill-Magistrat Dottor Paul Coppini nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Settembru 2002 markata bhala dokument CSH 2 a fol 16 tal-atti.

Semghet lil partijiet jittrrattaw l-kawza fis-seduta tat-tnejn ta’ Frar 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Novembru 2003 **xehed Doctor Frank Farrugia** [fol 10] fejn qal li inizjalment hu kien ra lil Angelo Cini l-isptar wara konsulta ghaliex kellu l-pressjoni gholja wara li kien allegatament qala xi daqqiet u beda jaghmel d-demm fl-awrina. Qal l qabel il-pressjoni ta’ Angelo Cini ma kienetx tkun gholja pero wara l-incident bdiet tkun gholja.  Qal li hu tah parir li jekk ikun hemm bzonn jittehdulu xi testijiet inkluz scan tal-kliewi li fil-fatt sar pero ma weriex hsara ‘mikroskopika’ pero dan nonostante, xorta baqa jghaddi d-demm mal-awrina.  Qal li Angelo Cini wkoll beda jkolu ugiegh ta’ ras li hafna drabi ma kieinx qed jghaddilu bil-panadols.  Sarlu wkoll scan tar-ras ghax dejjem hemm l-biza li jista jifforma xi demm fil-mohh imma minn dan ma kien hemm xejn u kull ma wera l-iscan kien li kellu ftit tissue trauma li jghidulha contusion.   Qal li Angelo Cini beda jilmenta minn ugiegh f’darhu li qabel ma kienx ibati minnu, liema ugiegh minn darhu kien imurlu ghal siequ l-leminija.  Fil-fatt kellu CT scan tad-dahru li wera li kellu prolapse disk bejn L5 u S1 li hija r-rukell tan-naha ta’ isfel bil-compression ta’ L5.  Qal li hu ssuggerilu jistrieh hafna u jserrah dahru ghaliex l-affarijiet setghu jmorru aktar ‘l quddiem u jispicca jkollu bzonn operazzjoni.

Mistoqsi meta ezaminah, x-xhud irrisponda li kien nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Settembru 2003, w ghalkemm hu rah ghoxrin wara l-allegat incident, d-demm li l-pazjent beda jara fl-awrina kien rizultat tal-incident li kellu.  Qal li fil-fatt l-imputat kien qallu li kien qala xi daqqiet ta’ ponn.  Qal li l-pazjent, qabel ma kellux ugiegh f’dahru w ghalhekk mistoqsi jekk l-prolapse disk kienx rizultat ta’ dawn id-daqqiet ta’ ponn, ix-xhud qal li fil-fehma tieghu dan jista jkun.  Qal li hu konsulent fil-medicina.  Qal li hu kien ra l-istorja tieghu u l-complaint ta’ Angelo Cini kienet li kien laqqat d-daqqiet. Qal li l-pazjent kien darbtejn in-patient wara l-incident.  Mistoqsi jekk l-pazjent kienx gie nvistat minn xi kirurgu minhabba l-problema li ghandu fil-

prolapse, x-xhud qal li kien rah n-Neurosurgeon Mr Zrinzo. Ix-xhud kompla jghid li hu jattribwixxi l-feriti li kellu l-pazjent mal-incident li kellu ghax mill-ewwel beda jara d-demm. Fuq daqqiet li allegatament qala f'rasu, l-iscvan rega' ma weriex li kien hemm hsara interna pero kien hemm contusions fuq l-ispiss tat-tissues. Dwar d-dahar wera li kien hemm prolapse disk between L5 u S1. Qal li hu ma jafx minn hareg c-certifikat li kklassifika l-feriti li kellu bhala ta' natura hafifa. Qal li ma jafx li l-vittma kien isofri minn xi problemi f'dahru qabel l-incident pero notamenti fil-file ma kienx hemm f'dik s-sena. Ix-xhud esibixxa certifikat rilaxxjat minnu stess li gie mmarkat bhala dokument CSH 1 [fol 14].

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 **xehed l-Ispettur Antonello Grech** [fol 15] fejn esbixxa sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex per Magistrat Dottor Pual Coppini fl-ismijiet Il-Pulizija v Joe Grima datata disgha w ghoxrin ta' Settembru 2002 li giet immarkata bhala dokument CSH 2 [fol 16], fejn stqarr li hu kien l-Ufficjal Prosekutur f'dik il-kawza u gharaf lil imputat presenti fl-awla bhala l-istess imputat imsemmi fis-sentenza li esibixxa.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru **2003 rega' xehed l-Ispettur Antonello Grech** [fol 24] fejn esibixxa kopja tal-okkorrenza mehuda minn PS 1040 John Grima li giet mmarkata bhala dokument CSH 5 [fol 25].

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 **xehed Angelo Cini** [fol 18] fejn qal li nhar l-erbgha ta' Settembru 2003 bejn l-hamsa w nofs w sis-tta ta' filghaxija, kien ircieva telefonta fuq l-mobile tieghu li kien dahal certu Joe Grima fil-kwartieri tal-Korporazzjoni tal-Ilma sabiex ikellmu dwar xi fittings li kien ha aktar kmieni dakinhar. Ix-xhud qal li hu jahdem bhala pipe-fitter u m'ghandu x'jaqsam xejn ma dawn il-fittings li ried l-imputat. Qal li l-imputat huwa kuntrattur u dakinhar kien tajjar il-main u kien mar biex jiehu xi xoghol minghandhom. Qal li hu kien qallu li kien fit-triq u kien sejjer lura. Qal li l-watchman kien qallu li Joe Grima beda jghajjat ghal xejn b'xejn. Qal li kien cempillu Joe Grima fuq il-mobile privat tieghu u kien

induna li kien irrabbjat hafna x'hin kien qed ikellmu u talbu jistennih sakemm imur hdejh u jitkellmu hemmhekk. Qal li kif wasal l-kwartieri, ipparkja t-truck u dahal fil-kwartieri u staqsa lill-imputat x'kellu bzonn u l-imputat beda jghajjat u jghid li kienu tawh fittings hziena.

Qal li hu qal lil imputat li hu ma kellux x'jaqsam ma fittings ghaliex xogholu hu fuq barra bhala fitter. Qal li kif qallu hekk, l-imputat ifferocja u qabez ghal fuqu ghal xejn b'xejn u beda jaghtih bil-ponn f'wiccu u bis-sieq u xehtu mal-art. Qal li hu qatt m'ghamillu xejn lil imputat qabel, anzi kien hadem mieghu f'xi zmien. Qal li kif aggredih, l-imputat l-ewwel qasamlu xofftu u kellu bzonn xi punti, tah daqqa ta' ponn u sturdieh u waqqghu mal-art. Qal li kif ipprova jqum l-imputat beda jaghtih fuq widnejh u kif beda jiddefendi ruhu b'idejh, l-imputat beda jaghtih go darhu u spicca mimdud mal-art. Qal li hu pprova jizgicca u l-imputat qabdu mill-flokk u qattaghulu u gie f'idejh. Qal li kif irnexxielu jahrab minn taht idejn l-imputat u kien ser icempel lil foreman, l-imputat mar jigri ghal fuqu, u kif hu pprova jidhol fl-ufficju biex jaqbad t-telephone, l-imputat qabad t-telephone sabbtu mal-art u kissru. Qal li wara l-imputat rekknu f'kantuniera u kompla jaghtih pero rnexxielu jizgiccalu u telaq 'l barra.

Kompla jghid li kif kien barra jipprova jcempel minn fuq il-mobile, l-imputat rega' lahqu bit-truck bir-reverse saq ghal fuqu u ried jtajjru pero lahaq tela' fuq cint ta' zewg filati. Qal li wara mar il-foreman u qaghdu jithaddtu dwar s-sitwazzjoni sakemm l-imputat mar l-Ghassa. Qal li hu qal lil foreman jiehdu l-Ghassa u wara l-isptar.

Qal li wara li mar l-isptar beda jaghmel checkups peress li kellu l-kilwa maqsuma u beda jaghmel d-demm ghal tlett gimghat shah. Mistoqsi minn hu t-tabib tieghu li jarahlu dahru x-xhud wiegeb li hu certu Doctor Stephen Mattocks. Ix-xhud esibixxa l-flokk w is-shorts li kien liebes dakinhar tal-incident li gew mmarkati bhala dokument CSH 3 u ritratti tal-persuna tieghu li komplessivament gew immarkati bhala dokument CSH 4 [fol 21]. Qal li qabel dan l-incident hu qatt ma kien ibati mill-kliewi. Qal li mill-incident sa dakinhar kien ghadu jbati minn kustilja

mqabbza li ghad irid jigi operat fuqha, u d-daqqiet li qala f'wiccu kien ghadu jhosshom u kien ghadu jbati minn stress kbir u li bil-qeghda l-hin kollu ma setghax joqghod. Qal li wara li ddewwa l-isptar, xi erbgha jew hamest ijiem wara rega' dahal l-isptar ghaliex d-demm fl-awrina zdied u peress li ma setghax izomm fuq saqajh u lanqas fis-sodda u kien gie mizmum l-isptar.

Illi nhar l-ewwel ta' April 2004 **rega' xehed Angelo Cini** [fol 57] fejn esibixxa certifikat rilaxxjat mill-physiotherapist Louis Agius li gie mmarkat bhala dokument V [fol 58].

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 **xehed Emanuel Buttigieg** [fol 22] fejn qal li xogholu hu li jghaddi l-pipijiet fuq barra u li hu impjegat mal-Water Works. Qal li dakinhar li wegga' Angelo Cini hu kien xoghol mieghu. Qal li dakinhar kienu qed jaghmlu xi xoghol fuq barra u kienu qed jirritornaw lura l-kwartieri meta daqq il-mobile ta' Angelo Cini u semghu jghid lil min cempillu li kien se jkellmu hemmhekk kif jaslu. Qal li Angelo Cini kien aggressiv mieghu fis-sens li beda jghidlu 'Dan x'ghajjat hu" fuq il-mobile. Qal li meta waslu l-kwartieri, sabu lil imputat odjern li kien gia hemmhekk u semgha lil Angelo Cini jghid li l-imputat kien ser itajjru pero hu ma rahx lil imputat se jittajjar lil Angelo Cini. Qal li hu qatt ma ra lil Angelo Cini jattakka lil imputat. Qal li l-imputat kien irrabbjat ghaliex kellu xi fittings hziena. Qal li Angelo Cini ma setghax jaghtih fittings lil imputat ghaliex hu m'ghandux x'jaqsam ma fittings u l-istore kien maghluq dak l-hin. Qal li hu fl-ebda hin ma ra lil Angelo Cini jagmel xi mossa lejn l-imputat. Qallu li beda jghidlu biex fuq il-mobile ma jcempillux u li mieghu ma kellux x'jaqsam. Qal li ma kienx jaf jekk Angelo Cini kellux cavetta tal-istore. Jekk Angelo Cini qalx lil imputat sabiex jistennih x-xhud ma kienx jaf. <u>Qal li waqt l-glieda li damet xi kwarta, kienu huma t-tlieta biss</u>.

Illi nhar l-hmistax ta' Jannar 2004 **xehed George Grech** [fol 35] fejn qal li hu kien presenti waqt l-incident li sehh fix-Xewkija Pumping Station li fih kien involut l-imputat odjern. Qal li meta nqala l-incident hu kien ghadu gdid fuq x-xoghol w ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jirrispondi min

kien responsabbli biex jaghti l-fittings pero dakinhar l-imputat kien cempel u stqarr li kien inghata fittings hziena, kien hemm x-Xewkija bla ilma u kien mghaggel biex jiehu dawk l-fittings. Qal li hu kien wahdu hemmhekk u kien qallu li kien ser iqabbdu ma fitter li kien ghassa li kien Angelo Cini u ghalhekk cempel lil Angelo Cini u dan minn naha tieghu qallu biex jghaddilu lil imputat fuq il-mobile. Qal li sussegwentement Angelo Cini u l-imputat iltaqghu l-pumping station. Qal li Angelo Cini kellu lehen daqsxejn gholi meta wasal lura x-xoghol pero x'intqal bejniethom hu ma kienx jaf. Qal li hu ra lil imputat u lil Angelo Cini mqabbda f'xulxin u lil imputat jaghti daqqa lil Angelo Cini. Zied jghid li meta l-imputat kien hdejh ma kienx aggressiv. Qal li hu jahdem bhala watchman biss u ma kienx jaf li l-imputat kien ha xi fittings.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2004 **xehed Doctor Stephen Mattocks** [fol 37] fejn qal li jokkupa l-kariga ta' Konsulent fl-isptar San Luqa fid-dipartiment tal-Urologija. Qal li nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2003 hu kien invista lil Angelo Cini fi klinika privata f'Ghawdex. Qal li hu rah gimghatejn wara li qallu li kien involut fi glieda u safa ferut. Qal li Angelo Cini kien qallu li kien safa ferut u kellu jmur l-isptar ta' Ghawdex ghaliex kien qed jara d-demm mal-urina. Kien ammess hemmhekk, ghamlulu ultra sound biex jaraw jekk kienx hemm xi haga u ma sabu xejn pero xorta baqa jghaddi d-demm fl-urina. Qal li wara xi jumejn iccara u gie normali. Qal li hu rah xi gimghatejn wara l-allegat incident, hu ma rriskontra ebda griehi fuqu. Qal li l-parir tieghu kien li jaghmel X Rays specjali li jghidulu Contra-CT li jaghti informazzjoni fuq jekk kienx hemm xi danni fl-organi gewwa u dan sar fis-sitta w ghoxrin ta' Settembru fil-klinika Farrugia u kien normali. Ix-xhud esibixxa l-affidavit tieghu li gie mmarkat bhala dokument MS [fol 38].

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2004 **xehed Michael Cassar** [fol 40] fejn qal li meta Angelo Cini rcieva telefonata li kien hemm xi hadd li kellu bzonn xi fittings, hu kien mieghu. Qal li semghu jghid li kienu sejrin lura l-kwartieri taghhom fix-Xewkija. Qal li meta waslu, Angelo Cini ha lil imputat, li gharaf presenti fl-awla, bil-herra u

beda jiggestikola b'idejh. Qal li l-kaz kien fuq fittings pero fuq fittings huma ma kellhomx x'jaqsmu. <u>Qal li ra lil imputat jaghti lil Angelo Cini daqqa f'wiccu u fuq gembu</u>. Qal li ma rax lil Angelo Cini jerfa idejh. Qal li ra lil imputat jitla fit-truck u jitlaq lil hinn. Qal li fix-Xewkija raw li t-truck ta' l-imputat kien wara l-bieb. Qal li x'hin mar fuq il-post Angelo Cini ma kienx hdejn t-truck. Mistoqsi jekk Angelo Cini kienx ilu ma jkellmu, x-xhud qal li dan mhux qed jidhol ghax-xoghol u li kien ilu zmien ma jarah. Qal li hu kien hdejn Angelo Cini meta rcieva t-telefonata. Qal li kienu tlieta, u cioe hu, Angelo Cini u Emanuel Buttigieg. Qal li hu ma kienx qed jisma l-konversazzjoni peress li kien qed isuq pero qal li Angelo Cini deher nervuz. Mistoqsi jekk Angelo Cini qalx xi kliem iehor lil imputat apparti l-kliem li m'ghandhux x'jaqsam mal-fittings, x-xhud qal li ma semghax diskors iehor. Qal li meta waslu x-Xewkija, kien Angelo Cini li mar fuq l-imputat. Qal li l-fittings jinghataw mill-istoreman mhux minn Angelo Cini.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2004 **xehed Peter Paul Meilaq** [fol 41] fejn qal li hu jahdem bhala security guard mal-Water Services fix-Xewkija. Qal li nhar l-erbgha ta' Settembru 2003, kien inqala incident bejn l-imputat li gharaf presenti fl-awla u Angelo Cini impjegat mal-Water Services Corporation. Qal li ghal habta tas-sitta ta' filghaxija hu wasal fuq il-post in kwistjoni fix-Xewkija u ra lil George Grech u tnejn minn nies jiggieldu u hu bhala security guard, nizel flimkien ma George Grech. Qal li ra lil Angelo Cini u lil imputat jsegwih u <u>lil imputat jaghti speci ta' daqqa fil-vojt lil Angelo Cini li kien fuq wara</u>. Zied jghid li hu mar fuqhom u bhala persuna responsabbli mill-bon ordni, staqsa lil imputat x'kien bi hsiebu jaghmel u dan qallu biex ma jindahalx u l-imputat waqaf u mar mieghu l-ufficju fejn cemplu l-istoreman peress li l-imputat kien qallu li kellu bzonn xi fittings. Qal li Angelo Cini mhux l-istoreman li jaghti l-fittings. Qal li l-fitter jekk tkun kwistjoni ta' fittings zghar, ikun jista jaqdih lil dak li jkun, pero jekk ikunu kbar, fitter ma jistax jaqdih. Kompla jghid li kif spiccat il-glieda, Angelo Cini qallu li kellu subajh jugghu u li kien ser imur jiddewwa. Ghalhekk, kompla jghid ix-xhud, hu qabad u cempel lil foreman u lil imputat ma rahx aktar. Mistoqsi fejn kien

Angelo Cini dak l-hin, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf pero x'hin kien hiereg ra li kellu xi dmija f'wiccu u rah bil-maktur ma wiccu. Mistoqsi jekk rax il-hwejjeg ta' fuqu, x-xhud wiegeb li dak lphin ma tax kaz.

Illi nhar l-ewwel ta' April 2004 **xehed PS 1040 John Grima** [fol 48] fejn qal li nhar l-erbgha ta' Settembru 2003 ghal habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija, l-imputat kien mar l-Ghassa tar-Rabat, fejn ghamel rapport li ftit qabel huwa mar fil-pompa tal-ilma tax-Xewkija maghrufa bhala s-Subbara, u li kien gie aggredit minn haddiem certu Angelo Cini fejn wegga' idu l-leminija. Qal wkoll li kien diga mar l-isptar biex jiccekkja jekk kellux xi ksur f'idejh. Ix-xhud qal li l-imputat qallu li ghal habta tas-sitta ta' filghaxija kienu qed jaghmlu xi xoghol fi Triq l-Imgarr x-Xini peress li kienu ghamlu xi hsara fil-main tal-ilma u cempel l-pompa tas-Subbara, fejn kellem lis-security u qallu biex imur fuq il-post. Qallu li kif kien hemmhekk, mar Angelo Cini jghajjat u jxejjer idejh f'wiccu u kwazi tefghu mal-art u wegghu f'idejh il-leminija. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien qallu li hu kull ma ghamel kien li mar hemmhekk pero Angelo Cini ma kienx hemm. Kompla jghidlu li wara Angelo Cini mar bil-vann u ried jieklu.

Ix-xhud zied jghid li hu kien kellem lil Doctor Peter Muscat li qallu li kien iccertifika lil imputat li kien qed isofri minn girehi hfief f'idu tal-lemin pero ma kellux ksur. Kompla jghid li wara kien mar Angelo Cini l-Ghassa mal-foreman u qalli li hu kien barra fuq xogholu bhala pipe fitter mal-Water Services Corporation meta rcieva telefonata fuq il-mobile tieghu mill-pumping station tax-Xewkija u s-security ghaddielu lil imputat maghruf bhala l-"Magun", li beda jghajjat u dak l-hin me fehmux x'kien qed jghid u qallu li kienu fit-triq lejn mill-pumping station tax-Xewkija u li kienu ser jitkellmu kif jasal. Qallu li kif waslu, l-imputat beda jghajjat u jilmenta fuq fittings li kienu tawh li ma qablux. Qallu li hu qal lil imputat li fuq fittings ma kellux x'jaqsam hu. Qallu wkoll li kien induna li l-imputat ma kienx f'sensih u dan imbaghad sahan ghaliex qal li Angelo Cini kien qed jippunta subajh lejn l-imputat u beda jaghtih bil-ponn f'wiccu, f'dahru, u fejn gie gie u kissirlu xofftejh. Angelo Cini qallu wkoll li hu kien ipprova jahab u l-imputat

qattaghlu l-flokk. Qallu li waqt dan l-argument kien mar s-security Peter Paul Meilaq li pprova jzomm lil imputat u laqqat daqqa go geddumu minghand l-imputat. Qal li qallu wkoll li kif Angelo Cini rnexxilu jizgicca, mar icempel lil foreman tieghu u li kif l-imputat kien ser jitlaq, irriversja b'lura ghal fuqu, pero lahaq tela' fuq cint u harab.

Ix-xhud zied jghid li Angelo Cini mar wkoll l-isptar fejn gie ezaminat minn Doctor Teddy George Farrugia li ccertifikah li kien isofri minn lacerazzjoni fuq ix-xoffa ta' fuq, tbengil u hemotoma fuq xofftejh ta' isfel, 'pain left loin and parmavertimal mscles' liema feriti kienu ta' natura hafifa.

Ix-xhud qal li hu tkellem ma erbgha xhieda li kienu fuq il-post waqt l-incident u cioe ma Manuel Buttigieg, George Grech, Peter Paul Meilaq u Micahel Cassar. Qal li Manuel Buttigeg qallu li hu kien xoghol barra ma Angelo Cini x'hin tal-ahhar ircieva telefonata fuq l-mobile u Angelo Cini beda jghid lil minn kien qed ikellmu "Dan x'ghajjat hu, ghalfejn dan l-ghajjat" u qallu li kien fi triqtu lejn il-pompa u li kienu ser ikellmu appena jasal hemmhekk. Qallu li x'hin waslu sabu lil imputat hemmhekk li kien qed jistenna u Angelo Cini mar ikellmu biex jghidlu li hu ma kellux x'jaqsam ma dawk l-affarijiet u f'daqqa wahda l-imputat infexx jaghti bil-ponn lil Angelo Cini fuq wiccu u fuq gembu. Qallu li Angelo Cini pprova jahrab u l-imputat baqa jigri warajh waqt li huma ppruvaw jzommuh, pero kien ghalxejn ghaliex l-imputat qabad il-pickup Isuzu, rriversja lura w ghal ftit ma laqatx lil Angelo Cini, tant li dan tal-ahhar kellu jitla fuq il-hajt biex ma jintlaqatx. George Grech qallu li hu kien fil-kamra meta mar l-imputat ghal xi fittings ghaliex li kellu ma kienux jaqblu u spicca bil-paroli ma Angelo Cini u x'hin hareg mill-kamra rahom imqabbdin f'xulxin. Peter Paul Meilaq qallu li hu kien xoghol dakinhar u kif wasal fis-sitta ta' filghaxija, ra l-pickup tal-imputat pparkjat gewwa mill-ufficju tas-securities u kif kien diehel avvicinah George Grech u qallu li kien hemm x'inkwiet peress li Angelo Cini u l-imputat kienu qed jiggieldu. Qallu li sadanitant tfacca Angelo Cini u l-imputat warajh u li Angelo Cini kien qed jipprova jahrab mill-imputat waqt li dan tal-ahhar kien qed jigri warajh u

jxejjer xi daqqiet. Qallu li kien ra lil imputat jolqot lil Angelo Cini darba zgur. Qallu li kien indahal bejniethom u staqsa lil imputat x'kien gara u dan qallu li kien mar ghal xi fittings. Qallu hu sa dak l-hin ma kienx jaf x'fittings kienu pero kien jaf li kienu fittings zghar setgha jaqdi Angelo Cini pero jekk kienu kbar kien ikollu jinqeda mill-istorekeeper, li dak il-hin ma kienx hemm.

Qallu li hu dahhal lil imputat fl-ufficju tieghu biex icemplu lil istorekeeper fuq il-mobile pero dan ma rrispondihx w ghalhekk offra lil imputat biex jippruvaw jaqbdu mal-foreman Lorry Saliba, pero l-imputat ma riedtx li jinforma lil foreman. Qallu li l-imputat kien qallu li kellu xi ugigh f'idejh u li kien sejjer jiddewwa u x'hin l-imputat hareg, rah jirriversja l-pickup. Michael Cassar qallu li f'daqqa wahda kien mar l-imputat qala idu u beda jsawwat bil-ponn. Qal li lil Angelo Cini, hu ma rahx jaqla idu. Qal li Angelo Cini beda jipprova jizgicca lil imputat pero dan baqa jmur warajh u li mbaghad mar s-security w ikkalma s-sitwazzjni. Ix-xhud kompla jghid li nhar s-sitta ta' Settembru kienet marret l-Ghassa mart Angelo Cini, Sonia u qaltlu li zewgha kien dahal l-isptar w inzamm hemm ghal osservazzjoni. Ix-xhud ppresenta l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument T [fol 51].

Illi nhar l-ewwel ta' April 2004 **xehed Max Xuereb** [fol 59] fejn ikkonferma li l-erbgha ritratti ta' Angelo Cini nseriti f'envelopp kannella markati bhala dokument CSH 4 [fol 21] gew mehuda minnu.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2004 **xehed Louis Agius** [fol 64] fejn qal li jahdem bhala physiotherapist fil-Health and Beauty Fitness Centre u fl-isptar Generali ta' Ghawdex. Qal li Angelo Cini kien gie riferut lilu minn Doctor Frank Farrugia minhabba li kien qed ibati minn ugigh b'cyatic nerve f'dahru. Qal li hu ghamillu physiotherapy kif jaghmlu f'kull kaz li pazjent ikun ibati b'dahru. Qal li min ikun ibati b'dahru l-ewwel jaghmel t-treatment u wara jkollu follow up. Qal li hu jara lil Angelo Cini biex jara kif ikun ghaddej u jekk ghandux xi problemi u Angelo Cini jghidlu li jbati b'dahru on and off u li kien jhossu ahjar ghaliex kien rega' dahal ghax-xoghol. Mistoqsi x'kien

ikkawza l-ugigh originarjament x-xhud qal li Doctor Frank Farrugia ikun f’posizzjoni jghid ahjar. Qal li hu ilu jara lil Angelo Cini mill-hdax ta’ Dicembru 2003 meta bdielu t-treatment.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Ottubru 2004 **rega’ xehed Louis Agius** [fol 80] fejn qal li in segwitu ghax-xhieda li ta qabel, mir-records li ghandu fuq Angelo Cini jirrizulta li dan kien gie riferut ghandu minn Doctor Frank Farrugia u l-pazjent kien jattendi ghal trattament on weekly basis. Qal li f’Jannar beda jnaqqaslu t-treatments u wara kien imur biex jaghtih l-ezercizzji x’jaghmel u jidher li kellu improvement. Qal li meta kien riferut ghandu, Angelo Cini kien jbati minn ugigh f’dahlu, low back pain. Qal li hu kien staqsih x’kien gralu u l-pazjent kien qallu li kellu incident. Qal Ix-xhud kompla jghid li hu kien ra r-rapport ta’ Doctor Frank Farrugia li kien jghid li l-pazjent kellu “weakness in the left lower limb” u tah trattament ghal ugigh ta’ dahru. Qal li meta kien rega’ rah fi Frar, l-pazjent kien ghamel kambjament u kien qallu biex jipprova jirritorna lura ghax-xoghol. Qal li l-pazjent kien qallu li l-ugigh kien on and off u hu kull ma kien jghamillu kienu checkups w ezercizzji biex isahhahlu dahru. Qali li rega’ ra lil pazjent f’April 2004 u kien qallu li rega’ beda jidhol ghax-xoghol on full time basis u kien dakinhar li rah l-ahhar. Mistoqsi jghid x’incident kien qallu l-pazjent li kellu, x-xhud wiegeb li ma kienx tah dettalji, qallu biss li kellu incident pero recentement sar jaf x’kien l-incident. Mistoqsi in kontr’ezami dwar il-low back pain li qallu l-pazjent li kellu, jekk kienetx haga li kkonstata hu oggettivament jew inkella qaghad fuq li qallu hu, ix-xhud wiegeb li bhala physiotherapist normalment jibbazaw fuq r-referral li jkollhom tal-consultant. Qal li bhala physiotherapist jista jaghmel assessment fuq il-pazjent wkoll biss l-low back pain huwa area fejn demm m’ghandekx u sintomi minn barra m’ghandekx, *it’s an area one can play*. Qal li bniedem ma jistax jghid jekk l-pazjent ikunx qed jivvinta l-ugigh jew le, ghaliex hu jkun qed jhossu u hu ma jkunx jaf x’hemm u x’m’hemmx w ghalhekk ma setghax jghid mija fil-mija li veru kellu low back pain l-pazjent.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Jannar 2005 **xehed Doctor Joseph Vella Baldacchino** [fol 97] fejn qal li hu kien invista lil Angelo Cini nhar s-sbatax ta’ Jannar 2004 w irrilaxxja certifikat li jinsab esibit a fol 70 tal-atti. Qal li dan kien gie riferut ghandu minn Doctor Frank Farrugia minhabba xi sintomi relatati ma anzjeta zejda, eccessiva, nuqqas t’irqad, kien jinhasad mix-xejn u kien jibza li jigrilu xi haga. Qal li skond l-pazjent, dawn s-sintomi kienu bdew xi sentejn wara li gie assaltat minn persuna li hu ma kienx jaf minn hi waqt li kien fuq l-lant tax-xoghol mal-Water Services Corporation. Qal li l-pazjent kien qallu li kien qala xi xebgha u kienet affettwatu hafna, u kien jidher kommoss.

Qal li s-sintomi kienu jaqblu ma syndrome li jghidulha post traumatic stress disorder fejn persuna jista jkollha hmar il-lejl, tqum f’nofs ta’ lejl, tibza, jkollha certi sweats, paniku u xi flash backs. Qal li hu kien bdielu l-kura u m’ilux kien mar jerga ghandu u qallu li kien rega’ beda jmur ghax-xoghol w ghalhekk naqqaslu l-pilloli u jinsab sejjer tajjeb.

Qal li fil-present il-pazjent ma kienx baqa jbati minn post traumatic stress, kien normali. Qal li l-pazjent kien ilu jbati minn dawn is-sintomi xi sentejn qabel ma beda jarah hu f’Jannar 2004. Qal li skond ma ghandu miktub minn Settembru 2002. Qal li hu rah xahar qabel u ma kellu ebda sintomi u fil-fata l-pazjent kien qallu li kien waqqaf il-pilloli, li kien sejjer tajjeb, kien alert u qallu li kien ser jsiefer wkoll.

Illi nhar l-erbatax ta’ Lulju 2005 **xehed Doctor Malcolm Crockford** [fol 110] fejn qal li fl-ghaxra ta’ Ottubru 2003 Angelo Cini kien mar il-klinika ta’ Doctor Frank Farrugia u sarlu scan ta’ dahru li rrizulta li kien hemm evidenza t’artrite fid-dahar u f’wahda mid-diski tad-dar, isfel nett kienet maqlugha minn postha u kienet qed turta wiehed minn nervaturi tal-lemin li jinzel ghal saqajh. Qal li mill-ezami mediku li hu ghamel fuq il-pazjent, ma ndikalux li dawn kienu rizultat ta’ xi blow, xi trawma fis-sens ta’ artrite. Fil-fatt l-ferita tad-disk tista tkun rizultat ta’ xi waqa jew daqqa pero normalment issir permezz ta’ xi waqa jew strapazz. Mistoqsi mill-Qorti jekk Angelo Cini qallux kif

kien sehh l-incident jew ghaliex kien qed ibati kawza t'incident f'dak iz-zmien partikolari, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf u li l-pazjent ma kien qallu xejn minn dan. Qal li l-ezami li hu ghamel fuq l-pazjent, ghamlu sentejn qabel u jekk qallu, ma baqax jiftakar. Ix-xhud esibixxa r-rapport imhejji minnu li gie mmarkat bhala dokument MC [fol 111].

Illi nhar t-tnax ta' Jannar 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 119] fejn qal li nhar l-erbgha ta' Settembru 2003 hu kien qed jaghmel xi xoghol ta' trinek x-Xewkija, u kellu bzonn xi fittings tal-pajpijiet tal-ilma u mar biex jigborhom mill-istore tal-Water Services ghal habta tal-hdax ta' filghodu. Qal li kellu imur l-istore peress li l-main in kwistjoni li kienu qed jahdmu fuqu kien tal-ilma. Qal li meta rritornaw lura fuq l-lant tax-xoghol sabu li l-fittings li kellhom ma setghux jaqblu w ghalhekk cempel lil foreman Angelo Grech u qallu li ma jaqblux u dan qallu li n-nies kienu spiccaw mix-xoghol peress li kienu bin-nofs ta' nhari u li kien hemm biss dawk li jahdmu b'emergenza. Kompla jghid li ghalhekk hu cempel lil fitter tal-istore certu Angelo Cini u meta qallu dwar il-fittings li ma jaqblux, dan beda jghajjat u joffendih fis-sens li hu ma kienx kapaci jwahhal l-fittings. Qal li ghalhekk rega' cempel lil Angelo Grech u dan qallu li kien ser ikellem lil Angelo Cini u qallu biex imur jistennih l-kwartieri taghhom u hu hekk ghamel. Qal li dam jistenna hemm xi nofs siegha u waqt li kien jistenna kien qal lil tas-security biex jerga jcempel lil Angelo Cini peress li kien hemm nies bla ilma u dan hekk ghamel, cempel lil Angelo Cini u dan rega' beda jghajjat u qallu li kien ser jirritorna l-kwartieri biex jitkellmu hemmhekk. Qal li xi ghaxar minuti wara wasal Anglo Cini, hareg mil-vann ixejjer b'kanna f'idu u jghajjat. Qal li hu staqsih ghaliex kien qed jaghmel hekk u qallu li kull ma ried zewg fittings biss u jitlaq 'l hemm. Qal li dan nonostante, Angelo Cini baqa jghajjat u jxejjer il-pipe fuq idu u jaghti u spiccaw jaghtu t-tnejn li huma. Zied jghid li kien hemm xi sitta minn shab Angelo Cini li qabzu ghalih u hu spicca jigri u dawn jigru warajh. Qal li hu qabad il-vann, irriversja lura biex idawwar gewwa l-bitha u hareg minn fejn kien u telaq 'l hemm.

Qal li wara dan l-incident, Angelo Cini kien qal li ma setghax jibqa jahdem, ghalkemm hu gibidlu ritratti li kien jahdem xorta wahda. Qal li Angelo Cinni, ghalkemm ma kienx imur ghax-xoghol mal-Water Services Corporation, kien jaghmel xoghol privat xorta fuq water fittings f'restaurant maghruf bhala Al Capone u f'hanut iehor maghrufa bhala Majestic Two. Ix-xhud esibixxa sett ritratti li juru lil Angelo Cini jahdem u sett ritratti ohra li juru l-feriti li sofra hu. Qal li l-Majestic Two, illum il-gurnata cedieh lil haddiehor l-istess Angelo Cini. Mistoqsi min kien l-ewwel persuna li taghtu l-fittings l-ewwel darba x'hin mar fil-hdax ta' filghodu, x-xhud qal li kein tahomlu l-istore keeper, mhux Angelo Cini ghaliex dan tal-ahhar jahdem bhala fitter. Qal li sa fejn jaf hu, peress li Angelo Cini jahdem fuq emergenza jkollu l-fittings f'idejh. Qal li hu haseb li Angelo Cini setgha jaghtih l-fittings li ried peress li l-foreman ta' Angelo Cini kien qallu hekk. Qal li Angelo Cini beda jinsulentah li ma kienx ragel u li ma kellux x'jaqsam ma nies bhalu. Qal li Angelo Cini beda jibghatlu l'hemm u 'l hawn u li kien bla bajd. Qal li hu ma hax ghalih ghaliex Angelo Cini qallu li ma kellux x'jaqsam ma nies bhalu u lilu qallu li ma kellux l-fittings li ried hu. Qal li l-pipe li kellu f'idejh kien bhal dak li jintuza in konnessjoni ma xogholu u kemm hu kif wkoll shabu marru jigru warajh. Qal li hu harab minn fuq il-post u mar hdejn l-vann tieghu u telaq. Qal li meta Angelo Cini gie l-kwartieri kien qallu li kien hemm nies x-Xewkija li kienu bla ilma xi nofs ta' nhar u talbu jaqdih.
<u>Mistoqsi jghid minn fejn gew l-feriti li Angelo Cini kellu f'wiccu x-xhud qal li ma kienx jaf, pero jista jkun li laqtu hu jew shabu stess ghaliex f'hin minnhom kulhadd gie f'xulxin</u>.

Qal li meta rriversja, hu kien cert li ma kien hemm hadd fit-triq. Cahad li qal Angelo Cini li kien wara u li kellu jitla ma hajt biex ma jolqtux bil-vann. Qal li rriversja lura ghaliex quddiemu kien hemm n-nies u biex ma jkollux problemi maghhom, rriversja lura biex ma jolqot lil hadd. Qal li n-nies kienu barra fil-bitha u hu ma setghax idawwar fejn kienu huma. Mistoqsi min kienu dawn n-nies ix-xhud qal li kienu nies tas-security, niex li xehdu fil-kawza, Angelo Cini u xi watchman. Qal li kienu xi sebgha b'kollox. Qal li

hu kien gie nfurmat mill-Water Services wara dan il-kaz li ma kellux imur fl-akwati taghhom. Qal li qabel kien imur dejjem u qatt ma kellu problemi maghhom.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-dsatax ta’April 2005 [fol 106] jirrizulta li l-imputat gie akkuzat b’erbgha akkuzi, principalment li kkkaguna hsara voluntarja fi hwejjeg Angelo Cini li l-valur tal-hsara jeccedi l-ghaxar liri maltin iza ma jeccedix l-hamsin lira maltin, li kaguna feriti ta’natura gravi fuq l-persuna tal-istess Angelo Cini, li kiser l-paci pubbika u talli saq b’menjiera perikoulza.

L-imputat minn naha tieghu jghid li huwa kien gie attakkat minn Angelo Cini u dak li hu ghamel, ghamlu *in self defense* sabiex jilqa d-daqqiet li kien qed jircievi minghand l-istess Angelo Cini.

Illi kif hu ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva, l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difeza trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkrejata unikament mhux minn min jaddatta dak t-tip ta'difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew thedded jew dannu imminenti.

Fil-fatt l-artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew peremessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin***

***tta' Jannar, 1995*** fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulziija v Joseph Psaila** fejn dik ikl-Qorti rriteniet is-segwenti:

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu ikun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Izda hawnhekk ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa b'uzu ta' l-azzjoni. Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo fin-*Noti*** tieghu:

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*
Wiehed ghalhekk irid jpoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak il-mod fic-cirkostanzi kif setgha hassu dak il-hin u mument cioe jekk kienx imbezzgha u /jew panikuz.

Il-Qorti tattira l-attenzjoni tal-Avukat Difensur ghal fatt li fil-ligi taghna, d-difiza tal-legittima difesa, hi proponibbli biss bhala <u>gustifikazzjoni</u> jew fil-kaz ta' eccess ta legittima

difesa, bhala skuzanti, ghar-reat ta’ omicidju voluntarju jew t’aoffiza voluntarja fuq il-persuna [artikoli 223, 227(d) u 230(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta].

Din id-difiza ma hiex proponibbli meta dak li jkun jigi akkuzat b’xi reat iehor, bhal ma huwa r-reat ta’hsara voluntarja. Ghal din r-regola hemm eccessjoni; l-artikolu 81 tal-Kodici Kriminali, li pero mhux applikabbli f’dan il-kaz. Ghar-reat ta’ hsara voluntarja fuq paroprjeta mobbli jew immobbli ta’ haddiehor, l-ligi tipprospetta biss l-iskuzanti tal-provakazzjoni ingusta, li hija haga ben differenti mid-difiza tal-legittima difesa li qed jipproponi l-imputat fid-difiza tieghu. Il-precizjoni hi proprju dwar d-differenza bejn il-legittima difiza u l-provokazzjoni. Wiehed mill-elementi essenzjali ghad-difiza tal-legittima difesa hu li l-perikolu, ossia l-hsara [ingusta u gravi] li wiehed ikun qed jipprova jevita, trid tkun attwali, jigifieri li dak l-hin, jekk l-perikolu jkun ghadda, wiehed ma jistax jghid li dak li jaghmel, ghamlu biex jiddefendi lilu nnifsu, l-aktar li wiehed ikun jista jghid hu li ‘rreagixxa’ ghal provokazzjoni. Dan r-rekwizit johrog car anke mill-istess dicitura tal-artikolu 233 tal-Kodici Kriminali “… mill-bzonn atwali tad-difiza legittima…”

Id-definizzjoni klassika tal-kelma ‘*provocation*’ giet mehuda mill-indirizz moghti mill-**Imhallef Derlin** fl-Ingilterra fil-kawza ***R v Duffy 1945*** fejn intqal:

"*Provocation is some act or series of acts done by the dead man to the accused which would cause in any reasonable person and actually causes in the accused, a sudden and temporary loss of self control rendering the accused so subject to passion as to make him for the moment not master of his mind.*"
Issa f’dan il-kaz, jirrizulta li l-imputat mar fil-kwartieri tal-Korporazzjoni tal-Ilma sabiex ibiddel xi fittings tal-ilma li kien ha aktar kmieni dakinhar ghaliex ma kienux tajbin ghalih. Gara pero li dak l-hin l-istores kienu maghluqin w ghalhekk sussegwentement cempel lil Angelo Cioni u b’ton aggressiv w irrabbjat, qallu li xtaq fittings godda. Dan Angelo Cini qallu li ma kellux x’jaqsam mat-taqsima tal-fittings ghaliex xogholu kien ta’ fitter fuq barra u

minnufih l-imputat ifferocja, qabez ghal fuq Angelo Cini u kien aggressiv mieghu tant li tah daqqa ta' waddbu mal-art. Angelo Cini, dak l-hin wkoll kien aggressiv pero jirrizulta mill-provi prodotti li l-aggressjoni tieghu kienet biss wahda verbali. L-imputat spicca qattghalu l-flokk li kien liebes. Bir-rabbja li kellu l-imputat qabad t-telefon tal-ufficju u kissru billi sabtu mal-art.

Emanuel Buttigieg, George Grech, Michael Casar u Peter Paul Meilaq, impjegati mal-Korporazzjoni tal-Ilma ilkoll qalu li raw lil imputat jaghti lil Angelo Cini. Hadd ma qal li Angelo Cini ta xi daqqa fuq l-imputat.

Illi ghalkemm l-Qorti ma tistax tara kif d-daqqiet li ta l-imputat kienux rizultat ta' *self defense*, ghaliex ma jirrizultax li kellu xi aggressjoni fizika fuqu w ghalhekk ma kienx rinfaccat b'ebda perikolu attwali fuq il-persuna tieghu. Konsegwentement d-difiza tal-legittima difesa qed tigi michuda.

Dwar d-difiza tal-provokazzjoni, din wkoll ma tirrizultax ppruvata ghaliex fil-fatt Angelo Cini qatt ma pprovoka lil imputat. Kien fuq xogholu meta f'daqqa wahda rcieva telefonata minghand l-imputat li kien mar jkellmu ghalkemm mhux bi pjacir u kien l-imputat li qabad jaghtih u ghalhekk l-provokazzjoni zgur li ma tirrizultax.

Dwar il-feriti, d-Difiza qed issostni li dawn ma kienux ta' natura hafifa. Doctor Stephen Mattocks, Konsulent fl-Urologija jghid li hu nvista lil Angelo Cini fl-ghoxrin ta' Settembru 2003, u dan ghaliex dan kien qallu li kien qed jara d-demm fl-awrina tieghu. Izda minn investigazzjonijiet li ghamel permezz ta' xi CT Scan, ma rrizultax li Angelo Cini kellu xi danni fl-organi tieghu.
Doctor Joseph Vella Baldacchnino jghid li l-imputat kien qed ibati minn post traumatic stress disorder minhabba l-incident li kellu nhar l-erbgha ta' Settembru 2003 u li din d-disordni baqghet mieghu ghal zmien twil.

Doctor Malcolm Crockford jghid li minn scan li ghamel fuq Angelo Cini nhar l-ghaxra ta' Ottubru 2003, irrizulta li kien hemm evidenza t'artrite fid-dahar u f'wahda mid-discs tad-

dahar ‘l isfel nett kienet maqlugha minn postha u kienet qed turta wiehed minn nervaturi tal-lemin li jinzel gha-saqajn.  Jghid wkoll li l-feriti tad-disc, tista tkun rizultat ta’xi waqa jew daqqa.

Lorry Agius, physiotherapist jghid li huwa beda jiehu hsieb lil Angelo Cini wara li dan kien gie riferut lilu minn Doctor Frank Farrugia peress li kien qed jbati minn ugiegh f’darhu.  Mistoqsi x’kien ikkawza l-ugiegh originarjament fuq il-persuna ta’ Angelo Cini, ix-xhud wiegeb li kien ikun ahjar li din il-mistoqsija ssir lil Doctor Frank Farrugia direttament.  Qal li lil Angelo Cini beda jikkonsultah f’Dicembru 2003 w ghalhekk tlet xhur wara l-allegat incident.  Il-Qorti tirrileva li Doctor Frank Farrugia ma xehdtx f’dawn il-proceduri w ghalhekk din d-domanda ma saritx lilu.

Il-Qorti ezaminat wkoll c-certifikat dokument s esibit a fol 47 tal-atti rilaxxjat minn Doctor Teddy G. Farrugia minn fejn jirrizulta li huwa kien ezamina lil Angelo Cini l-ghada tal-incident fejnsab li kien qed ibati minn ugiegh fil-parti tan-nofs ta’ dahru fuq in-naha ta’ isfel, tbengil u nefha fuq in-naha ta’ gewwa ta’xoftu ta’ isfel u ferita lacero kontuza fuq in-naha ta’ gewwa ta’ xoftejh ta’ fuq w ikklassfika dawn il-feriti bhala li kienu ta’ natura hafifa.

Illi fl-atti hemm esibiti wkoll zewg certifikati markati bhala dokumenti FF u FF 1[fol 112 u 113] rilaxxjati minn Doctor Frank Farrugia datati tlieta ta’ Jannar 2004 u tlettax ta’ Frar 2004 fejn jindikaw li l-imputat jbati minn disc propopse u li possibilment irid jigi operat.  Pero dawn id-dokumenti u kondizzjonijiet hemm deskritti bl-ebda mod ma huma marbuta mal-incident in kwistjoni w ghalhekk il-Qorti ma tistax issibu hati tal-akkuza kif naxxenti mill-artikolu 216 u cioe ta’ feriti gravi izda qed issibu hati talli kkagna feriti ta’ natura hafifa kif certifikat minn Doctor Teddy G. Farrugia.

Dwar il-hsart, ma hemmx dubbju li l-imputat kisser t-telefon.  Illi l-valur tat-telefon ma giex ppuvat fl-atti w ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara li qed issibu hati talli

kkaguna hsarat voluntarji li l-valur taghhom ma jeccidix l-ghaxar liri maltin.

Dwar ir-reat li l-imputat saq karozza b'manjiera perikoluza, din ma tirrizultax ppruvata, molto piu meta tqis li hadd mix-xhieda presenti fl-incident u li xehdu l-Qorti, ma qalu dan, salv il-vittma.

Dwar il-kontravenzjoni li l-imputat kiser il-bon ordni w il-paci pubblika, ma hemmx dubbju li din giet ppruvata b'mod sodisfacenti.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi kifmibghuta mill-Avukat Generali nhar d-dsatax ta' April 2005 [fol 106] u cioe l-artikoli 216, 221, 338(dd), 325, u 533 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed issib lil imputat JOSEPH GRIMA hati talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Angelo Cini, talli kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied, u talli kkaguna hsara voluntarja li ma teccedix l-ghaxar liri maltin u mhux hati talli kkaguna ferita gravi u talli saq b'manjiera perikoluza mill-liema zewg akkuzi qed tilliberah.**

**Dwar il-piena ghal akkuzi li sabitu hati, il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 155 et seq tal-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat kiser dufrejh mal-ligi diversi okkazzjonijiet, dan nonostante pero l-Avukat Genrali ghogbu ma jakkuzax lil imputat bir-recidiva.**

**Il-Qorti ghalhekk tikkundanna lil imputat JOSEPH GRIMA b'mod komplessiv ghal akkuzi li sabitu hati taghhom aktar 'l fuq ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira maltin.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikkundanah lil imputat jhallas l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' espert ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti rat li fl-atti ma gie nominat ebda espert w ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------